



Brussell, 9 ta' Jannar 2026

CM 1112/26

Fajls Interistituzzjonali:

2025/0183(NLE)
2025/0184(NLE)
2025/0191(NLE)
2025/0192(NLE)

LIMITE

POLCOM
COLAC
PROCED

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt: polcom@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +3222815181

Suġġett: Ftehimiet UE-Mercosur
– Bidu ta' proċedura bil-miktub

Fit-3 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni kemm tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur (EMPA) kif ukoll tal-Ftehim interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u l-Mercosur (iTA).

Wara d-deċiżjoni li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) ħa fid-9 ta' Jannar 2026 li tintuża l-proċedura bil-miktub, jekk jogħġobkom indikaw jekk taqblux:

- a) li tiġi adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 12442/25 u 12450/25 + ADD 1-14;

Jekk jogħġobkom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.

- b) li jiġi kkonfermat il-qbil, fil-prinċipju, dwar it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 12443/25; u li jiġi deċiż li tintbagħat, flimkien mat-test tal-Ftehim, kif jinsab fid-dokument 12450/25 + ADD 1-14, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tagħha;

Jekk jogħġobkom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.

- c) li tiġi adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 12417/1/25 REV 1 u 12419/25 + ADD 1-13;

Jekk jogħġobkom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.

d) li jiġi kkonfermat il-qbil, fil-prinċipju, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 12418/1/25 REV 1, u jiġi deċiż li tintbagħat, flimkien mat-test tal-Ftehim, kif jinsab fid-dokument 12419/25 + ADD 1-13, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tagħha;

Jekk jogħġbokom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.

It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lil polcom@consilium.europa.eu u għandhom jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill **sal-17:00 (CET) fid-9 ta' Jannar 2026.**

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsijiet, għajr dawk li diġà saru fil-Coreper.